



Tiġdid parzjali u dħul fil-karigi ta' disa' Membri ġodda tal-Qorti tal-Ġustizzja

Permezz ta' deċiżjonijiet tat-2 ta' Settembru 2020, tad-19 ta' Frar 2021, tal-21 ta' April 2021, tat-2 ta' Ġunju 2021 u tas-7 ta' Lulju 2021, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ġeddeu, għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2021 sas-6 ta' Ottubru 2027, il-mandat ta' seba' Mħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri Koen Lenaerts, Lars Bay Larsen, Siniša Rodin, François Biltgen, Eugene Regan, Niilo Jääskinen u Küllike Jürimäe.

Permezz ta' deċiżjonijiet tad-19 ta' Frar 2021, tal-21 ta' April 2021, tat-2 ta' Ġunju 2021 u tas-7 ta' Lulju 2021, inħatru bħala Mħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2021 sas-6 ta' Ottubru 2027, Maria Lourdes Arastey Sahún, li qiegħda tissostitwixxi lil Rosario Silva de Lapuerta, Zoltán Csehi, li qiegħed jissostitwixxi lil Endre Juhász, Octavia Spineanu-Matei, li qiegħda tissostitwixxi lil Camelia Toader, Miroslav Gavalec, li qiegħed jissostitwixxi lil Daniel Šváby u Dimitrios Gratsias, li qiegħed jissostitwixxi lil Michail Vilaras.

Permezz ta' deċiżjonijiet tad-19 ta' Frar 2021, tal-21 ta' April 2021 u tas-7 ta' Lulju 2021 ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ġeddeu, għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2021 sas-6 ta' Ottubru 2027, il-mandat ta' tliet Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri ta' Manuel Campos Sánchez-Bordona, ta' Athanasios Rantos u ta' Juliane Kokott.

Permezz ta' deċiżjonijiet tal-21 ta' April 2021, tas-7 ta' Lulju 2021 u tat-8 ta' Settembru 2021 inħatru bħala Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2021 sas-6 ta' Ottubru 2027 Laila Medina, li qiegħda tissostitwixxi lil Henrik Saugmandsgaard Øe, Nicholas Emiliou, li qiegħed jissostitwixxi lil Michal Bobek u Tamara Čapeta, li qiegħda tissostitwixxi lil Evgeni Tanchev.

Fl-okkażjoni, minn naħa, tat-tmiem mill-kariga u tat-tluq ta' Rosario Silva de Lapuerta, ta' Michail Vilaras et Endre Juhász, ta' Camelia Toader u ta' Daniel Šváby, ta' Henrik Saugmandsgaard Øe, ta' Michal Bobek, ta' Evgeni Tanchev u ta' Gerard Hogan, u, min-naħa l-oħra, tat-teħid tal-ġurament u tad-dħul fil-kariga tal-Membri l-ġodda tal-Istituzzjoni, illum ser tinżamm udjenza solenni fis-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

L-udjenza solenni ser tiġi trażmessa dirett mill-17:30 fis-sit segwenti:
<http://c.connectedviews.com/01/LiveMeetings/cdi>

Preżentazzjoni tal-Membri l-ġodda

Maria Lourdes Arastey Sahún

Imħallef

Imwielda fl-1959 f'Tarragona (Spanja), Maria Lourdes Arastey Sahún studjat fl-Universitat de Barcelona (l-Università ta' Barcelona, Spanja) u minn hemm kisbet lawrea fid-dritt fl-1983 qabel ma segwiet, mill-1984 sal-1985, formazzjoni professjonali ta' ġudikant fi ħdan l-Escuela Judicial (l-Iskola Nazzjonali tal-Ġudikatura, Spanja).

Hija ġiet innominata maġistrat fil-Juzgado de Distrito de Sant Feliu de Llobregat (il-Qorti Distrettwali ta' Sant Feliu de Llobregat, Spanja) u fil-Juzgado de Distrito de Barcelona (il-Qorti Distrettwali ta' Barcelona, Spanja) mill-1985 sal-1989. Fl-1989, ġiet assenjata għal sena lill-Juzgado de lo Social nº 7 de Barcelona (il-Qorti tax-xogħol u tas-Sigurtà Soċjali Nru 7 ta' Barcelona, Spanja) u wara nqas mal-Awla Soċjali tat-Tribunal Superior de Justicia de Cataluña (il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja ta' Catalunya, Spanja), li fiha baqgħet sal-2009. Hija ġiet innominata għat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) bħala mħallef mill-2009. Mill-2013 sal-2021, hija wkoll imħallef fit-Tribunal Amministrattiv tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku ta' Fuq (NATO) (Brussell, il-Belġju).

Flimkien mal-karriera ġudizzjarja, Maria Lourdes Arastey Sahún iddedikat ruħha wkoll għall-attivitajiet ta' tagħlim. Mill-1998 sal-2008, hija okkupat il-pożizzjoni ta' professur assoċjat fid-dritt tax-xogħol u tas-sigurtà soċjali fl-Universitat de Barcelona. Hija wkoll ġiet inkarigata t-tmexxija tal-korsijiet fi ħdan iċ-ċentri nazzjonali tal-istudji ġudizzjarji, b'mod partikolari fi Spanja (regolarment), fil-Bulgarija (2008) u fir-Rumanija (2008), kif ukoll fl-Iskola Juan Carlos I tal-Amerika Ċentrali u tal-Karajbi (2006). Maria Lourdes Arastey Sahún tat numru ta' konferenzi u pparteċipat f'seminars f'numru ta' universitajiet. Hija fl-aħħar nett kienet parti minn diversi korpi li joperaw b'mod partikolari fl-oqsma tad-dritt tal-Unjoni, tat-taħriġ u tal-eżami tal-kompetenzi tal-imħallfin kif ukoll ta' modi alternattivi ta' riżoluzzjoni tal-kunflitti.

Maria Lourdes Arastey Sahún ġiet innominata Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Ottubru 2021.

Zoltán Csehi

Imħallef

Imwieled fl-1965 f'Budapest (l-Ungerija), Zoltán Csehi kiseb il-lawrea fid-dritt fl-Eötvös Loránd Tudományegyetem (l-Università ta' Loránd Eötvös, l-Ungerija) fl-1990 u diploma ta' Master of Laws fir-Ruprecht-Karls-Universität Heidelberg (l-Università Ruprecht Karl ta' Heidelberg, il-Ġermanja) fl-1991. Huwa segwa l-istudji dottoralni fl-Eötvös Loránd Tudományegyetem, u sostna teżi dottoralni fl-2004. Huwa wkoll lawreat fl-istorja tal-arti mill-Università ta' Eötvös Loránd Tudományegyetem fl-1992.

Wara li ġie ammess fl-avukatura ta' Budapest, huwa beda karriera ta' avukat fl-Ungerija bejn l-1995 u l-2016. Fl-istess ħin tal-karriera ta' avukat tiegħu, huwa ġie nnominat arbitru fil-Pénz és Tőkepiaci Állandó Választottbírószág (il-Qorti Permanenti ta' Arbitraġġ tas-Swieq Finanzjarji u tas-Swieq ta' Kapitali, l-Ungerija) u arbitru *ad hoc*, mill-2004 sal-2016.

Zoltán Csehi barra minn hekk iddedika ruħu għat-tagħlim tad-dritt bħala professur assoċjat, mill-1991 sal-2005, imbagħad bħala professur, mill-2005 sal-2016, fl-Eötvös Loránd Tudományegyetem. Huwa għallim ukoll fi ħdan il-Pázmány Péter Katolikus Egyetem (l-Università Kattolika Péter Pázmány, l-Ungerija), bħala kap tad-dipartiment tad-dritt kummerċjali mill-2007 sal-2013, u bħala professur mill-2013. Hemmhekk assuma l-funzjonijiet ta' kap tad-Dipartiment tad-Dritt Privat u Kummerċjali mill-2013 sal-2016, u ta' professur tar-riċerka fid-dritt privat u kummerċjali mill-2017, kif ukoll ta' kap tad-Dipartiment tad-Dritt Ċivili mill-2018. Mill-2013, huwa kien professur mistieden fl-Università Kattolika ta' Lyon (Franza).

Zoltán Csehi ġie nnominat Imħallef fil-Qorti Ġenerali fit-13 ta' April 2016 u jeżerċita dawn il-funzjonijiet fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2021.

Octavia Spineanu-Matei

Imħallef

Imwiela fl-1967 f'Vălenii de Munte (ir-Rumanija), Octavia Spineanu-Matei kisbet il-lawrea fid-dritt mill-Universitatea Alexandru Ioan Cuza din Iași (l-Università Alexandru Ioan Cuza, ir-Rumanija)

(diploma ta' mertu) fl-1990 u dottorat fid-dritt mill-Academia de Poliție "Alexandru Ioan Cuza" (l-Akkademja tal-Pulizija "Alexandru Ioan Cuza", ir-Rumanija) fl-1999.

Fl-1991, hija bdiet il-karriera professjonali tagħha bħala mħallef fil-Judecătoria sectorului 4 București (il-Qorti tal-Ewwel Istanza tar-Raba' Distrett ta' Bukarest, ir-Rumanija) fejn eżerċitat il-funzjonijiet sal-1996. Mill-1996 sal-1999, huwa f'din il-kwalità li ħadmet fit-Tribunalul București (il-Qorti tal-Kontea ta' Bukarest, ir-Rumanija), li tagħha kienet il-president tal-awla ċivili bejn l-1997 u l-1999. Wara li ngħaqdet mal-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest, ir-Rumanija) bħala mħallef mill-1999 sal-2005, u bħala president tal-awla ċivili mill-1999 sal-2003, ġiet innominata mħallef fl-Înalta Curte de Casație și Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, ir-Rumanija) mill-2006 sal-2016.

Mill-2006 sal-2016, Octavia Spineanu-Matei ġiet innominata membru estern tal-bord estiż tal-appell tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi f'Munchen (il-Ġermanja).

Mill-1997, hija ddedikat ruħha wkoll għat-taħriġ tal-membri tal-ġudikatura u tal-awdituri tal-ġustizzja Rumeni bħala formatriċi fl-Istitutul Național al Magistraturii (l-Istitut Nazzjonali tal-Ġudikatura, ir-Rumanija), li tiegħu hija kienet ukoll membru tal-Kunsill Xjentifiku u, mill-2011 sal-2016, direttriċi. Hija wkoll ħadet sehem fil-Kunsill Direttiv tal-iȘcoala Națională de Grefieri (l-Iskola Nazzjonali tar-Reġistraturi, ir-Rumanija). Mill-2012 sal-2016, hija kienet membru tal-Kunsill tal-Kulleġġ Dottorali tal-Universitatea din București (l-Università ta' Bukarest, ir-Rumanija). Koawtriċi ta' diversi kotba u awtriċi ta' diversi artikli fil-qasam tad-dritt, hija pparteċipat regolarmet f'konferenzi nazzjonali u internazzjonali.

Octavia Spineanu-Matei ġiet innominata Mħallef fil-Qorti Ġenerali fid 19 ta' Settembru 2016. Hija eżerċitat fiha għal ħames snin qabel ma ġiet innominata Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja fis 7 ta' Ottubru 2021.

Miroslav Gavalec

Imħallef

Imwield fl-1961 fi Zlín (iċ-Ċekoslovakkja), Miroslav Gavalec l-ewwel kiseb lawrea ta' inġinier mekkaniku fl-oqsma tal-magni termiċi u tat-tagħmir nukleari fiċ-České vysoké učení technické v Praze (l-Università Politeknika ta' Praga, iċ-Ċekoslovakkja), u sussegwentement assuma diversi funzjonijiet f'ċentrali nukleari Slovakkja mill-1986 sal-1991.

L-interess tiegħu għax-xjenzi soċjali wassluh imbagħad isegwi, mill-1990 sal-1995, studji fid-dritt fl-Univerzita Komenského v Bratislave (l-Università Comenius ta' Bratislava, is-Slovakkja), imnejn kiseb, fl-1995, master fid-dritt. Huwa beda studji dottorali wkoll fl-istess università, li tagħtu, fl-2010, it-titolu ta' dottur fid-dritt (PhD).

Fl-2001, ġie nnominat imħallef għall-affarijiet kummerċjali u familjari u mħallef għall-kontenzjuż amministrattiv fl-Okresný súd Bratislava III (il-Qorti Distrettwali ta' Bratislava III, is-Slovakkja). Huwa ħadem hemm sal-2005, sena li fiha ngħaqad man-Najvyšší súd Slovenskej republiky (il-Qorti Suprema tar-Repubblika Slovakkja), li fiha ħadem bħala mħallef tat-taqsima amministrattiva u, mill-2009, bħala president tal-ewwel awla tat-taqsima amministrattiva.

Filmkien mal-karriera ġudizzjarja, Miroslav Gavalec iddedika ruħu wkoll għall-attivitajiet ta' taġħlim. Bejn l-2005 u l-2011, huwa kien responsabbli għall-korsijiet fl-Istitut tax-Xjenzi Ekonomiċi u għall-Amministrazzjoni tal-Paneurópska vysoká škola (il-Kulleġġ Ogħla Panewropew, is-Slovakkja). Mill-2006 sal-2014, huwa kien responsabbli wkoll għall-korsijiet fl-Istituti tad-Dritt Amministrattiv u tad-Dritt Privat tal-Paneurópska vysoká škola.

Miroslav Gavalec kien barra minn hekk membru tal-Forum tal-Imħallfin tal-Unjoni Ewropea għall-Ambjent mill-2005 sal-2020, u kien parti, mill-2006 sal-2015, mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Imħallfin Amministrattivi.

Miroslav Gavalec ġie nnominat Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Ottubru 2021.

Dimitrios Gratsias

Imħallef

Imwield fl-1957 f'Ateni (il-Greċja), Dimitrios Gratsias kiseb master fid-dritt mill-Ethniko kai Kapodistriako Panepistimio Athinon (l-Università Nazzjonali u Kapodistrijana ta' Ateni, il-Greċja) fl-1980, kif ukoll diploma ta' studji fil-fond (DEA) fid-dritt pubbliku fl-université de Paris I, Panthéon-Sorbonne (l-Università ta' Pariġi I, Panthéon-Sorbonne, Franza) fl-1981. Is-sena ta' wara, is-Centre universitaire d'études communautaires et européennes Universités Paris I et II (iċ-Ċentru Universitarju ta' Studji Komunitarji u Ewropej, Universitajiet ta' Pariġi I u II, Franza) tah ċertifikat ta' studji fid-dritt Komunitarju.

Fl-1985, Dimitrios Gratsias beda l-karriera professjonali tiegħu fis-Symvoulío tis Epikrateias (il-Kunsill tal-Istat, il-Greċja), fejn ħa l-kariga ta' awditur sal-1992. Huwa wara ġie nnominat, fl-1992, reġistratur tar-rikorsi, u wara fl-2005, kunsillier tal-istat. Fl-istess waqt, huwa ġie nnominat, fl-1998 għal sentejn (1998-1999), membru assoċjat tal-Anotato Eidiko Dikastirio (il-Qorti Suprema Speċjali, il-Greċja) u eżerċita, għal sena, fl-2006, fl-Eidiko Dikastirio Agogon Kakodikias (il-Qorti Speċjali tal-Kawżi Kontra l-Membri tal-Ġudikatura, il-Greċja). Fl-2008, huwa eżerċita, bħala membru, fl-Anotato Dikastiko Symvoulío Dioikitikis Dikaosinis (il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura Amministrattiva, il-Greċja). Matul is-sena ġudizzjarja 2009-2010, huwa eżerċita l-funzjonijiet ta' spettur tal-qrati amministrattivi.

Bejn l-1994 u l-1996, Dimitrios Gratsias ingħaqad mal-Qorti tal-Ġustizzja bħala référendaire fl-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali Georges Cosmas.

Dimitrios Gratsias kien imħallef fil-Qorti Ġenerali bejn il-25 ta' Ottubru 2010 u s-6 ta' Ottubru 2021 u kellu l-inkarigu ta' president ta' awla għal matul żewġ mandati suċċessivi, mit-18 ta' Settembru 2013 sat-30 ta' Settembru 2019. Huwa Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2021.

Anthony Michael Collins

Avukat Ġenerali

Imwield fl-1960 fi New Haven (l-Istati Uniti), Anthony Michael Collins kiseb lawrea fix-xjenzi ġuridiċi fit-Trinity College Dublin (il-Kulleġġ Trinity ta' Dublin, l-Irlanda) fl-1984 u kiseb id-diploma ta' Barrister-at-law fl-Honourable Society of King's Inns (Dublin) fl-1986.

Huwa beda l-karriera professjonali tiegħu fl-avukatura tal-Irlanda bħala Barrister-at-law, mill-1986 sal-1990 u mill-1997 sal-2003 u, bħala Senior Counsel, mill-2003 sal-2013. Huwa waqqaf provviżorjament l-attività tiegħu ta' Barrister-at-law bejn l-1990 u l-1997 biex jingħaqad mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej bħala référendaire fl-uffiċċji tal-Imħallfin Thomas Francis O'Higgins (mill-1990 sal-1991) u John L. Murray (mill-1991 sal-1997). Huwa ġie nnominat membru tad-delegazzjoni permanenti tal-Kunsill tal-Avukaturi Ewropej (CCBE) fil-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles tal-Qorti tal-Ġustizzja (AELE) bejn l-2006 u l-2013. Mill-2015, huwa okkupa barra minn hekk il-pożizzjoni ta' professur assoċjat fid-dritt tal-Unjoni fil-University College Cork (il-Kulleġġ Universitarju ta' Cork, l-Irlanda). Huwa wkoll awtur ta' numru ta' pubblikazzjonijiet u kitbiet fuq id-dritt amministrattiv Irlandiż u d-dritt tal-Unjoni.

Anthony Michael Collins ġie nnominat Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-16 ta' Settembru 2013 u f'din il-pożizzjoni eżerċita, matul żewġ mandati li ngħataw lilu, il-funzjonijiet ta' President ta' Awla mill-21 ta' Settembru 2016.

Mis-7 ta' Ottubru 2021, huwa Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja.

Laila Medina

Avukata Ġenerali

Imwiela fl-1971 f'Jelgava (il-Latvja), Laila Medina studjat fl-IMO International Maritime Law Institute (l-Istitut tad-Dritt Marittimu Internazzjonali, Malta) u hemm kisbet master fid-dritt marittimu internazzjonali fl-1995. Sena wara, il-Latvijas Universitāte (l-Università tal-Latvja) tatha ċertifikat ta' abilitazzjoni għall-professjoni ta' avukat. Hija wara kisbet master fid-dritt tal-Unjoni fl-2002 fir-Riġas Juridiskā augstskola (il-Kulleġġ Oġhla tad-Dritt ta' Riga, il-Latvja).

Mill-1995, daħlet fid-Dipartimenti tal-Ministru għat-Trasport bħala kap tad-Diviżjoni Ġuridika u direttriċi supplimentari tad-Dipartiment Marittimu. Hija eżerċitat il-funzjonijiet tagħha hemm sal-2002, is-sena tan-nomina tagħha, fi ħdan dan il-ministeru, ta' pożizzjoni ta' kunsillier tas-segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej.

Mill-2004 sal-2005, Laila Medina okkupat il-pożizzjoni ta' kap supplimentari tal-Uffiċċju tal-Affarijiet Ewropej fil-Kanċellerija tal-Istat tar-Repubblika tal-Latvja.

Fl-2005, hija ngħaqdet mad-dipartimenti tal-Ministeru għall-Ġustizzja Latvjan bħala direttriċi tad-Dipartiment tal-Pjanifikazzjoni tal-Politiki. Mill-2006, hija assumiet fil-funzjonijiet ta' segretarju tal-Istat fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja Supplimentari għall-Politika Settorjali, u dawk ta' segretarju tal-Istat Supplimentari għall-Politika Ġuridika mill-2009 sal-2021.

Il-karriera ta' Laila Medina inkludiet ukoll attivitajiet ta' tagħlim. Bejn l-1998 u l-2006, hija kienet responsabbli għall-kors tad-dritt Ewropew u d-dritt istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea fil-Valsts administrācijas skola (il-Kulleġġ ta' Amministrazzjoni Pubblika, il-Latvja). Fl-2012, hija tat ukoll taħriġ lill-membri tal-ġudikatura u lin-nutara dwar ir-Regolament Ruma III. Fl-aħħar nett, mill-2008, hija kienet ukoll membru tal-Kunsill tal-Fakultà tad-Dritt tal-Biznesa augstskola Turība (il-Kulleġġ Oġhla tal-Kawżi "Turība", il-Latvja).

Laila Medina ġiet innominata Avukata Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Ottubru 2021.

Nicholas Emiliou

Avukat Ġenerali

Imwieled f'Famagusta (Ċipru), Nicholas Emiliou studja fl-Ethnikó ke Kapodistriakó Panepistímio Athinón (l-Università Nazzjonali u Kapodistrijana ta' Atena, il-Greċja) fejn kiseb lawrea fid-dritt fl-1986. Kompla l-istudji tiegħu fil-London School of Economics and Political Science (l-Iskola tal-Ekonomija u Xjenza Politika ta' Londra, ir-Renju Unit) u hemm kiseb master fid-dritt Ewropew fl-1987. Fl-1991, huwa laħaq duttur fid-dritt mill-University College London (il-Kulleġġ Universitarju ta' Londra, ir-Renju Unit).

Huwa f'din l-università li beda l-karriera universitarja tiegħu bħala riċerkatur supplimentari, mill-1988 sal-1991. Wara ġie inkarigat għat-tagħlim tad-dritt Ewropew fil-University of Southampton (l-Università ta' Southampton, ir-Renju Unit) mill-1991 sal-1993, imbagħad fil-Queen Mary and Westfield College, University of London (il-Kulleġġ Queen Mary u Westfield, l-Università ta' Londra, ir-Renju Unit), mill-1993 sal-1994. Bejn l-1995 u l-1997, huwa kien id-detentur tal-katedra Jean Monnet tal-integrazzjoni Ewropea fil-University of Durham (l-Università ta' Durham, ir-Renju Unit). Mill-1994 sal-1997, fl-istess żmien ta' dawn l-attivitajiet, Nicholas Emiliou kien id-direttur onorarju tar-riċerka (Honouring Senior Research Fellow) tal-University College London u kunsillier speċjali tal-Ministru Għall-Affarijiet Barranin ta' Ċipru.

Bejn l-1997 u l-1998, huwa kien ministru plenipotenżjarju fid-Dipartiment tal-Unjoni Ewropea tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin ta' Ċipru u kien, mill-1998 sal-1999, delegat permanenti supplimentari tar-Repubblika ta' Ċipru għall-Unjoni Ewropea.

Mill-1999 sal-2002, Nicholas Emiliou kien ambaxxatur plenipotenżjarju u straordinarju tar-Repubblika ta' Ċipru fl-Irlanda.

Bejn l-2002 u l-2004, huwa kien ir-rappreżentant permanenti tar-Repubblika ta' Ċipru għall-Kunsill tal-Ewropa u rappreżentant tal-Gvern ta' Ċipru fil-kawżi mressqa quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Fl-2004, ġie nnominat rappreżentant permanenti tar-Repubblika ta' Ċipru għall-Unjoni Ewropea u eżerċita dawn il-funzjonijiet sal-2008.

Nicholas Emiliou ġie nnominat segretarju permanenti tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin ta' Ċipru, liema kariga okkupa sal-2012.

Bejn l-2012 u l-2017, huwa sar rappreżentant permanenti tar-Repubblika ta' Ċipru għan-Nazzjonijiet Uniti fi New York, qabel ma ssejjaħ jaqdi l-funzjonijiet ta' rappreżentant permanenti tar-Repubblika ta' Ċipru għall-Unjoni Ewropea, mill-2017 sal-2021. Huwa poġġa wkoll fil-grupp ta' arbitri tal-Qorti Permanenti tal-Arbitraġġ f'Den Haag (il-Pajjiżi l-Baxxi) mill-1995 sal-2016.

Nicholas Emiliou ġie nnominat Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Ottubru 2021.

Tamara Ċapeta

Avukata Ġenerali

Imwielda fl-1967 f'Żagreb (il-Kroazja), Tamara Ċapeta bdiet l-istudji fid-dritt tagħha fl-iSveučilište u Zagrebu (l-Università ta' Żagreb, il-Kroazja), li minnha ħarġet lawreata fl-1991. Hija kompliet l-istudji tagħha fil-Collège d'Europe fi Bruges (il-Kulleġġ tal-Ewropa, il-Belġju) imnejn kisbet, fl-1993, master fl-istudji avvanzati Ewropej. Lura fl-iSveučilište u Zagrebu, hija bdiet ir-redazzjoni ta' teżi u laħqet duttur tad-dritt fl-2001.

Fl-1992 Tamara Ċapeta bdiet il-karriera professjonali tagħha bħala uffiċjal fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Kroat, fi ħdan id-Dipartiment għall-Integrazzjoni Ewropea u d-Dipartiment tal-Aġenziji tal-ONU b'sede fl-Ewropa. Bejn l-1994 u l-1997, hija wettqet xogħol ta' riċerka fuq il-proċess ta' integrazzjoni Ewropea fl-Istitut za razvoj i međunarodne odnose (l-Istitut għall-Iżvilupp u r-Relazzjonijiet Internazzjonali, il-Kroazja).

Hija bdiet karriera universitarja fl-1997, bħala assistent universitarju fi ħdan id-Dipartiment tad-Dritt Kummerċjali u tal-Kummerċ Internazzjonali tal-Fakultà tal-Ekonomija fl-iSveučilište u Zagrebu. Mill-2002, hija saret professur fil-Fakultà tad-Dritt fl-iSveučilište u Zagrebu, fejn kienet wieħed mill-membri fundaturi tad-Dipartiment tad-Dritt Pubbliku Ewropew.

Mill-2013 sal-2014, Tamara Ċapeta ġiet innominata kap tad-diviżjoni ta' traduzzjoni tal-ilsien Kroat fid-Direttorat Ġenerali tal-Multilingwiżmu tal-Unjoni Ewropea, perijodu li fih kompliet l-attività ta' tagħlim fl-iSveučilište u Zagrebu. Mill-2015 sal-2021, ġiet innominata kap tad-Dipartiment tad-Dritt Pubbliku Ewropew u direttur tal-Programm ta' Studji tat-Tielet Grad fid-Dritt Ewropew. Fundatriċi, fl-2018, taċ-Ċentru ta' Eċċellenza Jean Monnet, iddedikat għar-riċerka fuq l-istat tad-dritt, hija assumiet ir-rwol ta' koordinatur tiegħu mill-2018 sal-2021.

Tamara Ċapeta hija l-awtur ta' pubblikazzjonijiet numerużi fil-qasam tad-dritt tal-Unjoni. Hija l-fundatriċi ta' rivista internazzjonali fid-dritt tal-Unjoni, l-unika eżistenti illum fil-Kroazja, li tagħha hija kienet ukoll l-editur ewlieni mill-2010 sal-2015. Fl-istess żmien tal-attività ta' tagħlim tagħha fl-iSveučilište u Zagrebu, hija kienet, bejn l-2005 u l-2010, professur mistieden fid-dritt tal-Unjoni fil-kuntest tal-programm ta' skambji tal-Fakultà tad-Dritt tal-Indiana University (l-Università ta' Indiana, l-Istati Uniti) wara, fl-2016, fil-University of Pittsburgh (l-Università ta' Pittsburgh, l-Istati Uniti) u fiż-Zhōngguó Zhèngfǎ Dàxué (l-Università Ċiniża tax-Xjenzi Politiċi u tad-Dritt, iċ-Ċina). Hija għallmet ukoll lill-imħallfin u lill-uffiċjali Kroati fil-kuntest tal-programmi ta' taħriġ kontinwat fid-dritt tal-Unjoni, organizzati mill-Pravosudna akademija (l-Akkademja Ġudizzjarja, il-Kroazja) u mid-Državna škola za javnu upravu (il-Kulleġġ tal-Istat tal-Amministrazzjoni Pubblika, il-Kroazja).

Fl-2020, Tamara Ċapeta ġiet innominata minn kumitat imħallat tal-Unjoni Ewropea membru tal-grupp speċjali ta' arbitraġġ għall-ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit, funzjonijiet li waqfet twettaq wara n-nomina tagħha bħala Avukata Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja.

Tamara Ċapeta ġiet innominata Avukata Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Ottubru 2021.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355